MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2009

Avviz Numru. 369/2008

**Perit Martin Xuereb u martu Karin Xuereb**

**vs**

**Henry u Irene konjugi Xuereb**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat is-6 ta' Novembru tas-sena 2008, li permezz tieghu r-rikorrenti sejhu lill-intimati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87), ekwivalenti ghall-hamest elef Lira Maltin (LM5,000.00,0) dovuti minnhom rappresentanti self illi nghata fit-30 ta' Dicembru tas-sena 2006;

2. Bl-imghax mit-30 ta' Mejju tas-sena 2007 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru tas-sena 2008 kontra l-intimati li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom;

Rat id-dokument a fol 2 tal-process;

Semghet ix-xhieda ta' l-intimat Henry Xuereb li bil-gurament tieghu kkonferma u ammetta li l-intimati huma debituri tar-rikorrenti skond ir-rikors promotur;

Ghaldaqstant, in vista ta' l-istess ammissjoni tal-konvenut;

1. Tiddikjara li l-intimati Henry Xuereb u martu Irene Xuereb huma debituri tar-rikorrenti Perit Martin Xuereb u martu Karin Xuereb fl-ammont ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu, (€11,646.87);

2. Tikkundanna lill-imsemmija intimati biex ghal din ir-raguni jhallsu lir-rikorrenti l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti;

3. Bl-ispejjez u bl-imghax legali relattiv mid-data ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru tas-sena 2008, kontra l-imsemmija intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------